

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2016/277**tal-25 ta' Frar 2016****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarus**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 ⁽²⁾ jipprevedi l-iffriżar ta' assi tal-President Lukashenko u ta' ċerti uffiċjali tal-Belarus, kif ukoll ta' assi ta' persuni responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, u ta' persuni u entitajiet li jibbenefikaw minn, jew li jappoġġaw, ir-reġim ta' Lukashenko, inklużi, b'mod partikolari, persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ finanzjarju jew materjali lil dak ir-reġim.
- (2) L-applikazzjoni tal-iffriżar tal-assi għandha tinżamm fir-rigward ta' erba' persuni elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006.
- (3) Il-persuni u l-entitajiet kollha elenkati fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 li fir-rigward tagħhom għet sospiżja l-applikazzjoni tal-iffriżar tal-assi għandhom jitħassru, u s-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-projbizzjoni għandha tintemm.
- (4) Din il-miżura taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u għalhekk hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex din issir effettiva, partikolarment bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 għalhekk għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 2, jitħassar il-paragrafu 6;
- (2) l-Artikolu 8b jitħassar;
- (3) l-Anness IV jitħassar.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 285, 17.10.2012, p. 1.⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja (ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

K.H.D.M. DIJKHOFF
